# TA' MIN KULTANT JIFTAKAR

**Ta' Wallace Ph. Gulia**

Lill-Maltin mitwielda
wara l-1940.

Ma nafx jekk kienx April jew kienx Ottubru,
naf biss li l-jum kien twil, qarib il-għabex,
u jien kont miexi biex inberred rasi
minn jum ta' qari tqil, ta' studju iebes,
mit-triq ta' Ħaż-Żabbar għal ġo Ħal-Qormi:
X'ħin fil-wita wsalt qabel nieħu n-niżla
sejħet b'tinwiħa mad-dwar is-sirena
li ġġiegħlek taħrab qabel jaqa' l-bini.
Jien f'leħħet berqa ħsibt li nibqa' għaddej;
jekk kenn neħtieġ, nistkenn ma' zokk ta' siġra;
għax f'dak il-beraħ biss xi tir tistenna
tal-għadu li kien sar is-sid tas-sema
mhux tfigħ ta' bombi ġo l-egħlieqi mferrxa.

Dak kien iż-żmien li l-ġuħ kien fl-aqwa tiegħu;
l-egħfiered għaddejjin konna drajniehom;
kif drajna wkoll ix-xeħħa fl-isparar
għax ma kienx fadal biex nisparaw fl-ajru;
u jekk kien baqa' ajruplani tagħna
ma kellniex għalf biżżejjed biex jitilgħu.

X'ħin wasalt hemm fejn tibda sew in-niżla
kont qisni xi sultan li jista' jħares
għal fuq il-firxa t'artijietu, kburi!
Ħal Qormi, l-Marsa, l-Port il-Kbir, il-Belt.
Ħemda fuq l-art... twerdin, twerdin fis-sema,
bl-egħxieren bdew għaddejja minn fuq rasi

il-**Junkers** Ġermaniżi fl-aqwa tagħhom
bil-ħalfa illi jfarrku dak li baqa'
fil-Port il-Kbir, fejn kienet ġriet il-kelma
li dieħel **convoy,** jerġa' jagħti n-nifs
lill-Gżira li kulħadd imwerwer stenna
minn ħin għal ieħor tgħajjat: "S'hawn wasalt!"

Waħidhom kienu l-**Junkers;** kont tistħajjel
liż-żgħażagħ sbieħ ta' fuqhom ferħanin
għax kollox tagħhom; kull ma jridu jagħmlu;
kif iridu jtiru, fl-għoli jew fil-baxx,
slaten tas-sema bdew jogħdsu w jitilgħu,
bħal żgħażagħ ferħanin li qed jiftaħru
bis-sengħa tagħhom sew fil-qbiż ġol-baħar.

U taħt saqajja bdiet titriegħed Malta
bit-tunnellati tqal ta' ħadid jikwi
mitfugħ ġo żaqqha. Dħaħen, dħaħen telgħu.
suwed u bojod, fl-aħħar tal-ħamrija.
Ma' kull tregħida qisek tħoss il-weġgħa
ġol-għadam tiegħek qrib l-inżul fil-qabar.

'Mma f'daqqa waħda s-sema fuq il-Port
imtela sħajbiet żgħar għax ftaħna n-nar.
Xi wieħed li kien nieżel ħadha f'wiċċu
u baqa', baqa', nieżel; ieħor qabad;
kulħadd imħarbat; u fuq is-sħab dehret
miġemgħa ta' **Spitfires!** Waqqfu n-nar
u niżlu kollha għal **Junkers** iddisprati —
Zalzett, zalzett għamluhom, ħerba sħiħa.
M'għajjatx bil-ferħ, ma rasi kburi rfajt:
IĊ-ĊAHDA TA' żgħożiti kienet tiswa,
għalxejn le kienet, beda kien il-bidu...

U llum li f'għomri kelli daqs min kellu
il-morr u l-ħelu, nemmen dak il-waqt
kien l-aqwa wieħed f'ħajti, il-quċċata!
L-ebda waqt ieħor dak il-waqt ma jisboq.
Niżżik ħajr, Mulej għalih, niżżik ħajr!

30/12/'70